

# Infittxu t-Tifsira tas-Simbolu - Id-Dragun ta' San Ġorġ



*Minn Fr Reno Muscat OP - renosop@gmail.com*

Fl-ikonografija Ġorġjana naraw dejjem liż-żagħżugħ Ġorġi jew jissielet jew rebbieħ fuq id-dragun. Forsi x-xbieha waħdanija ta' San Ġorġ li fiha ma narawx id-dragun hija dik ta' Donatello li nsibu f' Firenze. Ix-xbihat l-oħra kollha nistgħu ngħidu li dejjem ikun fihom lill-kavallier Ġorġi, fuq iż-żiemel jew siequ fuq id-dragun. Huma bosta dawk li jikkritikaw, biex ma ngħidx ukoll jirredikulaw ix-xbieha ta' dan il-qaddis jissielet mad-dragun. Dawn it-talin jirraġunaw li d-dragun bħala annimal ma jeżistix u allura l-istess ħaġa tgħodd għall-qaddis. Meta jsir dan ir-raġunament dlonk wieħed jintebaħ li dak li jkun qed jgħid hekk la jkun studja l-istorja tal-Knisja u wisq inqas ikun studja l-Bibbja. Ejjew fil-qosor naraw xi jfisser id-dragun billi nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-Knisja u lejn l-eseġesi Biblika – speċjalment eseġesi tal-Apokalissi.

## Annimali



*AGOSTINO CAMERIO*
*"La Donna e il drago"*

Meta wieħed jibda jindaga l-arkeoloġija Kristjana, irid jibda mill-ewwel żmien tal-Kristjaneżmu, iż-żmien li jissejjaħ Paleokristjan. Dan iż-żmien jibda bit-taħbira tal-anġlu lil Marija ġewwa Nażaret, jiġifieri l-bidu tal-Kristjaneżmu, mit-tnissil ta' Ġesú Kristu, sal-papat ta' San Girgor il-Kbir, jew aħjar is-sena 604. Dan iż-żmien jerġa' jinqasam fi tnejn: Pre-Kostantinjan, sas-sena 313 u Post-Kostantinjan bejn is-sena 313 u s-sena 604. Fl-era Pre-Kostantinjana il-Kristjaneżmu kien meqjus bħala setta Lhudija. Ma kienx permess il-kult Kristjan u għalhekk kollox kien isir bil-moħbi. Fil-postijiet tal-kult jew fil-postijiet tad-dfin, bħalma kienu l-katakombi, is-simbolu tas-salib ma kienx jintuża mill-Insara imma kienu jintużaw simboli oħra, l-aktar simboli ta' annimali sabiex jiffiguraw il-Kristjaneżmu. Il-ħamiema kienet tirrappreżenta l-ilma tad-dulluvju, liema ilma kien imqabbel mal-ilma tal-magħmudija. Il-pellikan kien imxebbah mal-



*BAMBERG*
*"Apocalypse – Woman and Dragon"*

Ewkaristija, il-Ġisem ta' Kristu – il-pellikan iqatta' minn ġismu stess biex jitma' lil uliedu. Il-pagun kien meqjus bħala l-għasfur li ġismu ma jitħassarx – l-istess bħall-Ġisem ta' Kristu li fil-qabar ma ġarrabx il-taħsir tal-ġisem bħal ma jġarrab kull ġisem uman ieħor. Iċ-ċerv li jixrob mill-għajn kien imxebbah man-Nisrani li jixrob mill-għajn tal-grazzja li huwa Kristu. Il-ħuta li bil-Grieg tissejjah IKTUS. L-Insara kienu jgħidu sentenza: Ġesú Kristu is-Salvatur waħdieni tagħna. Jekk wieħed kien jieħu l-ewwel ittra ta' kull kelma ta' din is-sentenza (bil-Grieg) kien jifforma il-kelma IKTUS, u kienu jpinġu ħuta biex tfisser din is-sentenza. Il-ħmar huwa annimal li jiflaħ iġorr piż itqal mill-piż tiegħu stess. Kristu refa' fuqu il-piż tad-dnubiet tagħna. Il-ħmar rarament jinstab f'ikonografija Kristjana, imma ġieli nsibuh u dan jissimbolizza d-dnub tagħna li ġarrulna Kristu. Is-serduk li jfisser il-maħfra wara d-dnub, (simbolu meħud miċ-ċaħda ta' Pietru). Insibu l-annimal fittizju – l-unikornu, iż-żiemel bil-ġwienaħ u b'qarn wieħed fuq moħħu. Dan kien simbolu tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla. L-unikornu kien jitmexxa biss minn tfajla verġni u Kristu twieled minn Verġni. Insibu wkoll is-simbolu tal-Levjatan, mostru tal-baħar jew il-ħuta li belgħet lil Ġona għal tlett ijiem. Dawn kienu jissimbolizzaw it-tlett ijem li Kristu għamel fil-qabar.

B' dawn is-simboli kienu jiftehemu l-Insara. Wara l-ħelsien mogħti minn Kostantinu bdew jidhru simboli oħra bħalma huma l-Ċhi-ros , il-monogramma li fiha l-ittri X u P. Bil-Grieg X tinqara Ki u P tinqara Ro. XP allura tfisser Kristos, ċioè Kristu. (kontinwamnet nisimgħu riferimenti għall-Ċhi-ros bħala pax, hija ħaġa totalment żbaljata li jsir dan ir-riferiment) Bdew jidhru l-alfa u l-omega li huma l-ewwel u l-aħħar ittra fl-alfabett Grieg u li jfissru li Kristu huwa l-bidu u tmiem. Bdiet tidher ukoll l-istatugramma, simbolu tal-ittra P forma ta' Salib.

San Ġorġ kien jgħix u miet fl-era Pre-Kostantinjana. Kien żmien li fih ma setgħux isiru simboli Kristjani ħlief dawk taħt kodiċi. Żgur li l-komunità li fiha kien jgħix,

jitlob u jiċċelebra l-liturġija Ġorġi kienet familjari ma' dawn l-ewwel simboli Kristjani. Hemm simboli oħrajn li ma humiex annimali, imma jiena semmejt biss dawk ta' annimali għax huma jgħinuna nifhmu l-argument li qegħdin nittrattaw.

## Apokalissi

Ejjew qabel inkomplu mexjin inħarsu ftit lejn l-aħħar ktieb tal-Bibbja – l-Apokalissi. Dan huwa ktieb mimli simboli imma li ta' min jifhem dak li jridu jwasslulna dawn is-simboli. F' kapitlu 12 insibu l-ġlieda tal-mara mad-dragun. F' kapitlu 13 insibu d-dragun u l-bhima li ġiet mill-baħar. Dan kollu ma jistax jinftiehem jekk wieħed ma jkollux ftit tagħrif dwar dawk iż-żminijiet. Ninsabu fl-Imperu Ruman fejn l-Imperatur huwa meqjus bħala alla. Kien obbligu taċ-ċittadin li joffri offerta ta' inċens quddiem l-Imperatur. Il-Lhud kienu meqjusin bħala poplu antik u għalhekk kienu eżentati milli jaħarqu l-inċens quddiem l-Imperatur u quddiem l-allat Rumani. Imma għall-Insara x-xorti kienet mod ieħor. L-Insara kienu għall-bidu meqjusin bħala Lhud xismatiċi, li nfirdu mil-Lhud imma xorta huma Ġudej, imma biż-żmien bdew jitqiesu bħala poplu b'reliġjon ġdida u għalhekk ma baqgħux igawdu mill-eżenzjoni li kienu jgawdu l-Lhud. Id-dragun li jsemmi l-kapitlu 12 tal-Apokalissi jirreferi għall-Imperatur li kien irid li l-Insara iqisuh bħala alla u li joffru offerta ta' inċens quddiemu. Il-bhima li tiġi mill-baħar li nsibu fil-kapitlu 13 tirreferi għall-Imperu. Il-baħar kien il-Baħar Mediterran. Il-kosta tal-baċir tal-Mediterran kienet kollha f' idejn l-Imperu Ruman. Tant huwa hekk li għar-Rumani, il-Mediterran kien jissejjaħ il-*Marum Nostrum*, il-baħar tagħna. Għalhekk meta fil-ktieb tal-Apokalissi nsibu d-dragun u l-bhima dawn ifissru l-idolatrija, il-qima lill-allat foloz, l-allat tar-Rumani. Il-kittieb tal-Apokalissi ma setax jikteb ċar u tond u jgħid li l-Imperatur huwa bniedem bħalna u mhux alla u li l-qima tmur biss lejn dak Alla mħabbar minn Kristu. Kieku għamel hekk kien ipoġġi ħajtu fil-periklu u ħajjet dawk li jaqraw fil-periklu wkoll. Għalhekk kiteb bis-simbolu, kiteb f'forma ta' kodiċi. Il-bniedem komuni bil-kelma dragun kien jifhem annimal



*GIORGIO VASARI*
*"Immacolata Concezione"*

mitoloġiku u xejn anqas, imma l-Insara meta kienu jaqraw dawn il-kapitli tal-Apokalissi dlonk kienu jintebħu li t-tifsira tagħhom hija li hemm Alla wieħed li lilu biss għandek tqim u tadura, l-allat l-oħra li jissuġġerixxi l-Imperu huma fasulli bħad-draguni.



*AWTUR MHUX MAGĦRUF*
*Santa antika – "Il-Mara u d-Dragun"*

## San Ġorġ

Nafu li San Ġorġ għex u sofra l-martirju fl-era Pre-Kostantinjana. Jiġifieri fi żmien San Ġorġ, l-Insara ma setgħux jesprimu rwieħhom liberament u kienu jinqdew b'simboli sabiex ifissru dak li riedu jwasslu. Nafu li fit-23 ta' Frar, 303, kien hemm żagħżugħ li qatta' l-editt tal-Imperatur Dijoklezjanu, liema editt kien jgħid li l-Insara kellhom jaħarqu l-inċens u joffru s-sagrifiċċju quddiem l-Imperatur bħala alla. Dan ma kienx ittollerat mill-Insara għax Alla huwa wieħed u lilu biss għandna naqdu, lilu biss nistgħu noffru sagrifiċċju. Allura hawn jidħol id-dragun. Jekk id-dragun kien jissimbolizza l-Imperu Ruman, u ż-żagħżugħ li qatta' l-editt kien Ġorġ Anici, bħala simbolu huwa tassew f'postu li jiġi rrappreżentat bħala kavallier li qed jisħaq lid-dragun. Ġorġi ħadha kontra l-idolatrija li kien jitlob l-Imperu. Dan huwa d-dragun li naraw dejjem flimkien mal-qaddis Ġorġi.

Tassew li x-xbieha tad-dragun mirbuħ minn Ġorġi hija tardiva u ma bdietx mal-mewt tal-qaddis. Bdiet żmien wara meta kienet diġà tirrenja l-paċi għall-Insara. Allura dlonk wieħed jistaqsi: kif kien li din ix-xbieha ta' San Ġorġ bdiet tidher bid-dragun fi żmien meta setgħet liberament tiġi deskritta b'mod mhux simboliku? Tassew li huwa hekk imma tajjeb niftakru fil-leġġendi. Leġġendi ma jfissrux ħrejjef ivvintati. Tajjeb ukoll li niddistingwu xi tfisser ħrafa u xi tfisser leġġenda. Ħrafa tfisser ħlieqa, storja vvintata għall-mogħdija taż-żmien. Leġġenda hija kelma li ġejja mill-kelma *Leggere*, jiġifieri taqra. Il-leġġendi dwar il-qaddisin martri kienu jinkitbu biex jinqraw u jħeġġu lil dawk li jaqrawhom sabiex jimitaw l-atti erojċi tal-qaddisin li dwarhom

ikunu miktuba dawn il-leġġendi. Bla dubju ta' xejn wara l-martirju ta' San Ġorġ inkitbet leġġenda dwaru fejn fiha nsibu lill-kavallier, simbolu tal-qlubija, lid-dragun, simbolu tal-idolatrija pagana ordnata mill-Imperu Ruman, liż-żiemel, simbolu tal-qawwa li tagħti l-grazzja ta' Alla lil min ikun fiha u fl-aħħar nett il-Prinċipessa li tirrappreżenta lill-Knisja ta' Kristu. Il-leġġenda dwar Ġorġi żgur inkitbet, jew tal-inqas tfasslet fl-era Pre-Kostantinjana meta l-Insara kienu kostretti li jitkellmu u jużaw simboli sabiex jifhmu lil xulxin bla ma jiġu fl-inkwiet. L-ikonografija tal-qaddis segwiet lil din il-leġġenda.

## Għeluq

Lanqas huwa minnu l-kliem li d-dragun ma jeżistix, għaliex nafu b'annimal li jissejjaħ dragun. Imma dan ma għandux id-dehra ta' dak li naraw taħt riġel Ġorġi. Lanqas jeżisti fil-parti tad-dinja fejn kien jgħix il-qaddis tagħna. Ma nistgħux nitkellmu bla ma naħsbu għax inkella nispiċċaw ngħidu l-ħmerijiet. Tajjeb li qabel niftħu fommna nkunu nafu x'ser ngħidu. Dak li jipprova jpoġġi fid-dubju l-eżistenza ta' San Ġorġ billi jsemmi l-fatt tad-dragun ikun qiegħed jinsa l-istorja tal-ewwel sekli tal-Knisja ta' Kristu. Tajjeb ukoll li nżommu f'moħħna s-simboliżmu li nsibu fil-kapitli 12 u 13 tal-Apokalissi.


ST. PAUL'S
DISCOUNT STORE
For Fresh Fruit,
Vegetables
& Salumeria
269, Main Str.,
Qormi

TEL: 21 487 259